Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 945/2010**

tal-21 ta' Ottubru 2010

li jadotta l-pjan li jalloka lill-Istati Membri riżorsi li għandhom jitħallsu mill-baġit tas-sena 2011 għall-provvista tal-ikel mill-ħażniet tal-intervent għall-benefiċċju tal-persuni l-aktar fil-bżonn fil-Komunità u li jidderoga minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 807/2010

(ĠU L 278, 22.10.2010, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 499/2011 tat-18 ta' Mejju 2011	L 134	15	21.5.2011
►**M2**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1260/2011 tat-2 ta' Diċembru 2011	L 320	24	3.12.2011

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 945/2010

tal-21 ta' Ottubru 2010

li jadotta l-pjan li jalloka lill-Istati Membri riżorsi li għandhom jitħallsu mill-baġit tas-sena 2011 għall-provvista tal-ikel mill-ħażniet tal-intervent għall-benefiċċju tal-persuni l-aktar fil-bżonn fil-Komunità u li jidderoga minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 807/2010

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u b'mod partikolari l-punti (f) u (g) tal-Artikolu 43, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2799/98 tal-15 ta' Diċembru 1998 li jistabbilixxi arranġamenti agromonetarji għall-euro ([2]), b'mod partikolari l-Artikolu 3(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 807/2010 tal-14 ta' Settembru 2010 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-forniment ta' ikel mill-ħażniet tal-intervent għall-benefiċċju tal-persuni l-aktar fil-bżonn fl-Unjoni ([3]), il-Kummissjoni għandha tadotta pjan ta' tqassim li jkun iffinanzjat minn riżorsi disponibbli fis-sena baġitarja tal-2011. Dak il-pjan għandu jistabbilixxi partikolarment, għal kull Stat Membru li japplika l-miżura, ir-riżorsi finanzjarji massimi disponibbli sabiex iwettaq il-parti tiegħu tal-pjan, u l-kwantità ta' kull tip ta' prodott li għandha tittieħed mill-ħażniet miżmuma mill-aġenziji tal-intervent.

(2) L-Istati Membri involuti fil-pjan ta' tqassim għas-sena baġitarja 2011 kienu pprovdew lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 807/2010.

(3) Għall-finijiet tal-allokazzjoni tar-riżorsi, għandhom jiġu kkunsidrati l-esperjenza u sa liema punt l-Istati Membri utilizzaw ir-riżorsi allokati lilhom fis-snin preċedenti.

(4) Il-punt a, (iii) tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KEE) Nru 807/2010 jistipula l-allokazzjoni tar-riżorsi għax-xiri fis-suq ta' prodotti temporanjament mhux disponibbli fil-ħażniet tal-intervent. Peress illi l-ħażniet tal-butir attwalment miżmuma mill-aġenziji tal-intervent mhumiex biżżejjed biex jiġu koperti l-allokazzjonijiet, l-allokazzjonijiet tar-riżorsi għandhom jiġu stabbiliti sabiex jippermettu x-xiri fis-suq kif meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' tqassim għas-sena baġitarja 2011.

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 349, 24.12.1998, p. 1.
([3]) ĠU L 242, 15.9.2010, p. 9.

▼B

(5) L-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 807/2010 jistipula li, fejn mhemmx ross disponibbli fil-ħażniet tal-intervent, il-Kummissjoni tista' tawtorizza t-tneħħija ta' ċereali mill-ħażniet tal-intervent bħala ħlas għall-forniment ta' ross jew tal-prodotti tar-ross immobilizzati fis-suq. Skont dan, minħabba li attwalment mhemmx ħażniet tal-intervent tar-ross, għandha tiġi awtorizzata t-tneħħija ta' ċereali mill-ħażniet tal-intervent bħala ħlas għall-mobilizzazzjoni tal-prodotti tar-ross fis-suq.

(6) L-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KEE) Nru 807/2010 jistipula t-trasferiment bejn l-Istati Membri ta' prodotti li mhumiex disponibbli fil-ħażniet tal-intervent tal-Istat Membru fejn prodotti bħal dawn huma meħtieġa biex jiġi implimentat il-pjan ta' tqassim annwali. Jeħtieġ għalhekk, li jiġu awtorizzati t-trasferimenti intra-UE meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dak il-pjan għall-2011, soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KEE) Nru 807/2010.

(7) Barra minn hekk, minħabba l-qagħda tas-suq fir-rigward taċ-ċereali u sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiġġestixxi l-ħażniet tal-intervent b'mod effiċjenti u fil-ħin, huwa xieraq, f'każ ta' trasfermenti intra-UE, li l-Istati Membri fornituri, jinfurmaw lill-Kummissjoni malajr dwar il-kwantitajiet li se jirriżervaw ta' kull tip ta' ċereali miżmum f'intervent fit-territorju tagħhom b'implimentazzjoni tal-pjan ta' tqassim tal-2011.

(8) Jekk titqies il-kumplessità tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' tqassim tal-2011, li tesiġi volum għoli ta' trasferimenti intra-UE, huwa xieraq li jiżdied il-marġni ta' 5 % stipulat fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament (UE) Nru 807/2010.

(9) Sabiex jiġi żgurat li l-prodotti mill-ħażniet tal-intervent ma jidħlux fis-suq f'mument inopportun matul is-sena, il-perjodi ta' żmien stipulati fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 807/2010 li matulhom il-prodotti jistgħu jittieħdu mill-ħażniet tal-intervent għandhom jitqassru.

(10) Meta wieħed iqis il-volum għoli tal-prodotti li għandhom jiġu rtirati mill-ħażniet tal-intervent u l-volum għoli tat-trasferimenti intra-UE, huwa xieraq li jkun hemm deroga mill-perjodu ta' sittin jum awtorizzat għat-tneħħija tal-prodotti mill-ħażniet tal-intervent skont il-ħames subparagrafu tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 807/2010.

(11) Minħabba l-qagħda attwali tas-suq fis-sttur taċ-ċereali, li huwa kkaratterizzat minn livelli għolin ta' prezzijiet tas-suq, huwa xieraq, sabiex l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkunu żgurati, li s-sigurtà finanzjarja, li għandha tkun irreġistrata mill-kuntrattur li jobbliga ruħu sabiex iforni [impenjat li jwettaq l-operazzjoni tal-forniment ta'] ċ-ċereali kif stipulat fl-Artikoli 4(3) u 8(4) tar-Regolament (UE) Nru 807/2010 tiżdied.

(12) Għall-implementazzjoni tal-pjan ta' tqassim annwali, l-avveniment operattiv fil-qofol tat-tifsira tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2799/98 għandu jkun id-data li fiha tibda s-sena finanzjarja għall-amministrazzjoni tal-ħażniet fil-ħażna pubblika.

▼B

(13) Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 807/2010, il-Kummissjoni talbet il-parir tal-organizzazzjonijiet ewlenin li huma familjari mal-problemi tal-persuni l-aktar fil-bżonn fl-UE meta kienet qed tħejji dan il-pjan ta' tqassim annwali.

(14) Il-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli ma tax opinjoni fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-2011, it-tqassim tal-ikel lill-persuni li huma l-aktar fil-bżonn fl-UE, skont l-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, għandu jiġi implimentat skont il-pjan ta' tqassim annwali stabbilit fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

L-użu ta' ċereali bħala ħlas għall-mobilizzazzjoni tal-prodotti tar-ross fis-suq hija awtorizzata, kif imsemmi fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 807/2010.

Artikolu 2

L-allokazzjonijiet lill-Istati Membri għax-xiri tal-butir fis-suq tal-UE, kif meħtieġa skont il-pjan imsemmi fl-Artikolu 1, għandhom ikunu kif stabbilit fl-Anness II.

Artikolu 3

1. It-trasferiment intra-UE tal-prodotti elenkati fl-Anness III għal dan ir-Regolament għandhom ikunu awtorizzati skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 807/2010.

2. Fil-każ ta' trasferiment intra-UE taċ-ċereali, l-Istati Membri fornituri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, fi żmien 15-il jum wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, dwar il-kwantitajiet ta' kull tip ta' ċereali miżmum mill-aġenziji tal-intervent tagħhom li huma riżervati għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' tqassim tal-2011.

▼M2

Artikolu 3a

B'deroga mill-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 807/2010, il-perjodu ta' implimentazzjoni għall-pjan ta' tqassim annwali tal-2011 għandu jintemm fid-29 ta' Frar 2012.

▼B

Artikolu 4

▼M2

B'deroga mill-ewwel u t-tielet subparagrafi tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 807/2010, għall-pjan ta' tqassim tal-2011, l-irtirar ta' butir u tat-trab tal-ħalib xkumat mill-ħażniet tal-intervent għandu jseħħ bejn l-1 ta' Ġunju u l-31 ta' Diċembru 2011. L-ispejjeż li joriġinaw miż-żamma tal-kwantitajiet allokati ta' butir u ħalib xkumat fil-ħażniet ta' intervent bejn it-30 ta' Settembru u d-data tal-irtirar reali mill-ħażna ta' intervent għandhom ikunu merfugħa mill-Istat Membru li għalih huma allokati l-prodotti skont il-pjan ta' tqassim tal-2011.

▼B

Madankollu, l-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu ma għandux japplika għal allokazzjonijiet ta' 500 tunnellata jew inqas.

▼B

Għall-pjan ta' tqassim tal-2011, il-perjodu ta' sittin jum għat-tneħħija tal-prodotti rtirati stipulati fil-ħames subparagrafu tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 807/2010 ma għandux japplika fil-każ tal-butir u tat-trab tal-ħalib xkumat.

Artikolu 5

B'deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 807/2010, għall-pjan ta' tqassim tal-2011, 70 % tal-ħażniet taċ-ċereali miżmuma mill-aġenziji tal-intervent għandhom jiġu rtirati qabel l-1 ta' Ġunju 2011.

Għall-pjan ta' tqassim tal-2011, il-perjodu ta' sittin jum għat-tneħħija tal-prodotti rtirati stipulati fil-ħames subparagrafu tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 807/2010 ma għandux japplika fil-każ taċ-ċereali.

▼M1

għall-pjan ta' distribuzzjoni 2011, l-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu u l-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 807/2010 ma għandhomx japplikaw il-kwantitajiet taċ-ċereali li ġejjin fil-Finlandja:

— 12 856 tunnellata allokati lill-Italja u

— 306 tunnellati allokati lis-Slovenja.

▼M2

Artikolu 5a

B'deroga mill-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) Nru 807/2010, għall-pjan ta' tqassim annwali tal-2011, il-pagamenti għall-prodotti li għandhom ikunu pprovduti mill-operatur għandhom, fil-każ ta' prodotti li għandhom ikunu mobilizzati fis-suq skont l-Artikolu 2(3)(iii) u (iv) tar-Regolament (UE) Nru 807/2010, jagħlqu qabel il-31 ta' Diċembru 2011.

▼B

Artikolu 6

B'deroga mill-ħames subparagrafu tal-Artikolu 4(3) u mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) Nru 807/2010, għall-pjan ta' tqassim tal-2011, qabel ma jitneħħew iċ-ċereali mill-intervent, il-kuntrattur impenjat li jwettaq l-operazzjoni tal-forniment għandu jirreġistra sigurtà li tkun ekwivalenti għal EUR 150 kull tunnellata.

Artikolu 7

B'deroga mill-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KEE) Nru 807/2010, għall-pjan ta' tqassim tal-2011, fejn ċerti bidliet sostanzjati jikkonċernaw 10 % jew aktar tal-kwantitajiet jew tal-valuri mdaħħla għal kull prodott fil-pjan tal-UE, il-pjan għandu jiġi rivedut.

Artikolu 8

Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' tqassim annwali msemmi fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, id-data tal-avveniment operattiv fil-qofol tat-tifsira tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2799/98 għandha tkun l-1 ta' Ottubru 2010.

Artikolu 9

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼**M1**

ANNESS I

PJAN ANNWALI TA' TQASSIM GĦALL-2011

(a) Riżorsi finanzjarji li huma disponibbli għall-implementazzjoni tal-pjan tal-2011 f'kull wieħed mill-Istati Membri:

(f'EUR)

Stat Membru	Distribuzzjoni
Belgique/België	10 935 075
България	11 042 840
Česká republika	45 959
Eesti	755 405
Éire/Ireland	1 196 457
Elláda	20 045 000
España	74 731 353
France	72 741 972
Italia	102 023 445
Latvija	6 723 467
Lietuva	7 781 341
Luxembourg	107 483
Magyarország	14 146 729
Matla	640 243
Polska	75 422 222
Portugal	20 513 026
România	49 578 143
Slovenija	2 441 755
Slovakia	4 809 692
Suomi/Finland	4 318 393
Total	480 000 000

(b) Il-kwantità ta' kull tip ta' prodott li għandha tiġi rtirata mill-ħażniet tal-intervent tal-UE għat-tqassim f'kull Stat Membru skont l-ammonti massimi stabbiliti fil-punt (a) ta' dan l-Anness:

(f'tunnellati)

Stat Membru	Ċereali	Butir	Trab tal-ħalib xkumat	Zokkor
Belgique/België	74 030	—	1 687	
България	103 318	—	—	
Česká Republika	401	—	—	9

▼**M1**

(f'tunnellati)

Stat Membru	Ċereali	Butir	Trab tal-ħalib xkumat	Zokkor
Eesti	7 068	—	—	—
Eire/Ireland	250	109	—	
Elláda	88 836	976	—	
España	305 207	—	23 507	
France	491 108	—	11 305	
Italia	480 539	—	28 281	
Latvija	50 663	—	730	
Lietuva	61 000	—	704	
Luxembourg ([1])	—	—	—	
Magyarország	132 358	—	—	
Matla	5 990	—	—	
Polska	441 800	—	15 743	
Portugal	61 906	458	5 000	
România	370 000	—	5 600	
Slovenija	14 465	—	500	
Slovakia	45 000	—	—	
Suomi/Finland	25 338	—	899	
Total	2 759 277	1 543	93 956	9

([1]) Luxembourg: allokazzjoni għax-xiri ta' prodotti tal-ħalib fis-suq tal-UE: EUR 101 880, li għandhom jitqabblu mat-trab tal-ħalib xkumat tal-Lussemburgu.

▼B

ANNESS II

Allokazzjonijiet lill-istati Membri għax-xiri tal-butir fis-suq tal-UE:

(f'EUR)

Stat Membru	Butir
Éire/Ireland	867 046
Elláda	7 835 710
Portugal	3 666 327
Total	12 369 083

▼B

ANNESS III

▼M1

(a) Trasferimenti intra-UE ta' ċereali awtorizzati fil-pjan għas-sena baġitarja 2011:

	Kwantità (tunnellati)	Detentur	Destinatarju
1.	39 080	BLE, Deutschland	BIRB, Belgique
2.	57 631	Pôdohospodárska platobná agentúra, Slovenská Republika	Държавен фонд "Земеделие" — Разплащателна агенция, България
3.	250	FranceAgriMer, France	OFI, Ireland
4.	88 836	Mezőgazdasági és Vidékfejlesztési Hivatal, Magyarország	OPEKEPE, Elláda
5.	305 207	FranceAgriMer, France	FEGA, España
6.	467 683	BLE, Deutschland	AGEA, Italia
7.	27 670	PRIA, Eesti	Rural Support Service, Latvia
8.	5 990	AMA, Austria	Aġenzija tal-Pagamenti Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet, Malta
9.	75 912	BLE, Deutschland	ARR, Polska
10.	61 906	FranceAgriMer, France	IFAP I.P., Portugal
11.	146 070	SZIF, Česká republika	Agenția de Plăți și Intervenție pentru Agricultură, România
12.	162 497	Mezőgazdasági és Vidékfejlesztési Hivatal, Magyarország	Agenția de Plăți și Intervenție pentru Agricultură, România
13.	14 159	AMA, Austria	Agencija Republike Slovenije za kmetijske trge in razvoj podeželja, Slovenija
14.	12 856	Agency for Rural Affairs, Suomi/ Finland	AGEA, Italia
15.	306	Agency for Rural Affairs, Suomi/ Finland	Agencija Republike Slovenije za kmetijske trge in razvoj podeželja, Slovenija

▼B

(b) Trasferimenti intra-UE ta' trab tal-ħalib xkumat awtorizzati fil-pjan għas-sena baġitarja 2011:

	Kwantità (tunnellati)	Detentur	Destinatarju
1.	23 507	OFI, Ireland	FEGA, España
2.	28 281	BLE, Deutschland	AGEA, Italia
3.	730	PRIA, Eesti	Rural Support Service, Latvia

▼M1

4.	13 147	BLE, Deutschland	ARR, Polska

▼B

5.	4 393	FranceAgriMer, France	IFAP I.P., Portugal

▼B

	Kwantità (tunnellati)	Detentur	Destinatarju
6.	5 600	BLE, Deutschland	Agenția de Plăți și Intervenție pentru Agricultură, România
7.	500	SZIF, Česká republika	Agencija Republike Slovenije za kmetijske trge in razvoj podeželja, Slovenija

(ċ) Trasferimenti intra-UE ta' butir awtorizzati fil-pjan għas-sena baġitarja 2011

	Kwantità (tunnellati)	Detentur	Destinatarju
1.	109	Lietuvos žemės ūkio ir maisto produktų rinkos reguliavimo agentūra, Lietuva	OFI, Ireland
2.	181	PRIA, Eesti	OPEKEPE, Elláda
3.	795	Lietuvos žemės ūkio ir maisto produktų rinkos reguliavimo agentūra, Lietuva	OPEKEPE, Elláda
4.	458	Lietuvos žemės ūkio ir maisto produktų rinkos reguliavimo agentūra, Lietuva	IFAP I.P., Portugal